# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 450/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Lilian Fenech**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata, Lilian Fenech, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 225968M akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Mejju, 2015 ghall-habta ta' 13:00hrs waqt li kienet fil-fond 46, Triq il-Kbira Has-Sajjied, Birkirkara:

1. Ghamlet lil Alexander Grech u Alosia Mifsud Grech ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kienet ipprovokata ingurjat b'mod li harget barra mill-limitu tal-provokazzjoni.
2. Aktar talli bla hsieb li tisraq jew taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandha, gieghlet bl-

awtorita taghha nnifisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jezegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlet fi hwejjeg billi fixklet lill Alexander Grech u Alosia Mifsud Grech mill-pussess ta' hwejjighom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Settembru, 2016 li biha lliberat lill-appellata wara li ma sabithiex hatja taz-zewg imputazzjonijiet;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lil appellata mhux hatja ta' l-ewwel imputazzjoni, izda tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn sabet lil appellata mhux hatja tat-tieni imputazzjoni u minflok ssib lil appellata Lilian Fenech hatja tat-tieni imputazzjoni u sussegwentement tghaddi sabiex tinfliggi l-piena relattiva skond il-ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali;

Semghet lill-Avukat Generali, lid-difensur tal-parte civile u lid-difensuri tal-appellata;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1 Illi f'dan l-appell, l-Avukat Generali jillanja s-sentenza appellata kwantu it-tieni imputazzjoni, igifieri dik fejn l-ewwel Qorti ma sabitx htija fir-rejat ipotizzat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, tal-hekk imsejjah *raggion fattasi*. L-Avukat Generali iressaq il-gravami singolari tal-enuncjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi mill-ewwel Qorti;

2 Ezaminati l-atti jemergi illi Aloisa Mifsud Grech u zewgha Alexander Grech jirrisjedu gewwa d-dar ta' omm Aloisa Mifsud Grech u flimkien maghha izda recentement ir-relazzjoni ta' bejniethom spiccat hazin sal-punt li l-omm talbithom sabiex jitilqu minn hemmhekk. Skond hut il-kwerelanti, fosthom, l-appellata odjerna, l-omm kienet qed tissuspetta hazin fl-istess kwerelanti meta kien qed jonqsu mid-dar taghha affarijiet ta' valur u kienu minsusa ukoll depoziti f'kont bankarju tal-omm u kien ukoll sehh trasferiment tal-meter tad-dawl u ilma minn fuq l-omm ghall-fuq il-kwerelanta minghajr il-kunsens tal-omm;

3 Kawza ta' dan, l-omm kienet ilha ma tohrog minn Jannar tas-sena 2015 sabiex ma thallix id-dar wahidha izda f'jum l-omm ta' din is-sena, l-10 ta' Mejju, 2015, accettat li tohrog ma' uliedha l-ohra u l-appellata infurmat lill-kwerelanti b'dan u li kien ser jirritornaw fil-hamsa ta' filghaxija u li ghalhekk ma setghux jidhlu d-dar qabel ma tirritorna l-omm. L-appellata infurmat lill-kwerelanti ukoll illi kienet ser tqieghed katnazz mal-bieb matul dak il-hin ta' assenza ta' ommha. L-kwerelanti ghalhekk accedew l-ghassa izda kienu infurmati li l-Pulizija ma setghet taghmel xejn sakemm ma jkunx kommess xi reat;

4 Gara ukoll illi fil-waqt illi l-omm u uliedha l-ohra, kompriz l-appellata, kienu hiergin ghall-ikla kif spjegat *supra,* tfaccat il-kwerelanta u rinfaccjata bix-xewqa tal-omm li tibqa' barra sakemm tirritorna, xorta wahda dahlet gewwa u hemm inqala diverbju li, izda, huwa l-mertu tal-ewwel imputazzjoni li minnha l-appellata kienet liberata u ma hemmx appell in rigward;

5 L-Ewwel Qorti ma sabitx htija fl-appellata wara li kkonsidrat illi "*il-principju tar-reat ta' ragion fattasi huwa li jrid ikun hemm att estern li jimpedixxi persuna minn dritt li hija tgawdi*" u rriteniet, almenu hekk jidher fir-ragunijiet tal-Ewwel Qorti, illi l-kwerelanti ma jgawdu ebda dritt li jirrisjedu f'dik id-dar. Anke jekk dan id-dritt kien jezisti, tkompli l-istess Qorti, dan twaqqaf u kien rexiss meta l-omm baghtet ittra bl-avukat f'dan is-sens;

6 L-Avukat Generali hu tal-fehma li l-fatti in speci jissodisfaw ir-rekwiziti ta' dan ir-reat kif ravvizat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali u l-gurisprudenza in rigward. Jehtieg ghalhekk li din il-Qorti, issa, tezamina dawn ir-rekwiziti kif ukoll il-provi mressqa sabiex finalment tiddeciedi jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

7 Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et (App Krim 14.10.1944 riportata fil-Vol. XXXII – IV, p.768) u segwita kostantement mill-Qrati taghna, ir-reat in dizamina jehtieg il-konkorrenza tas-segwenti erba' elementi: a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; u d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi. Kwantu ghall-ewwel rekwizit, l-Avukat Generali jirrikonoxxi illi r-residenza li fiha mhumhiex aktar akkolti l-kwerelanti tappartjeni lill-omm l-appellata u kienet omm l-appellata li uriet ix-xewqa li dawn johorgu minn hemm. Fl-affidavit tieghu, PS 609, jixhed illi l-kwerelanti kienu rrapurtaw illi kienet Carmen Mannino li qaltilhom li kienet ser tqieghed katnazz mal-bieb. Madanakollu, meta fis-siegha ta' wara nofsinhar, l-kwerelanti marru lura d-dar, ma sabu ebda katnazz u ghalkemm rriskontraw forma ta' resistenza verbali, xorta

wahda kellhom access ghall-fond tant li aktar tard ghazlu huma minn jeddhom li jitilqu;

8 L-appellata ma ghandha l-ebda pretensjoni fuq il-fond in kwisjtoni u kienet l-omm li riedet lill-kwerelanti jitilqu 'l barra darba ghall-dejjem. Il-provi jiddemostraw illi kienet biss ix-xewqa tal-omm li jitqieghed katnazz mal-bieb sabiex il-kwerelanti jkunu inibiti milli jidhlu wahidhom waqt li l-omm tkun barra. Minkejja dan, ma jidhirx li dan avvera ruhu ghaliex hadd ma ssakkar barra. Dan hu hekk ukoll ghaliex il-kwerelanti jirrisjedu f'parti mid-dar li huma jzommu msakkra u li din taghti ghal parti ohra fejn l-omm izzomm xi qsari. Meta kien mehtieg li jissaqqew dawn il-qsari, l-kwerelanti kienu mitluba jaccedu u jifthu l-bieb u dan ifisser biss li l-kwerelanti ma ntefghux 'l barra kif donnu qed jimplikaw;

9 Il-konsegwenza ta' dan hi li ma jistghax jitqies li kien sodisfatt l-ewwel rekwizit tal-elementi ta' dan ir-reat. Ezami tal-elementi l-ohra ghalhekk ikun inutili;

10 Ghal dawn il-motivi, anke jekk ghal ragunijiet differenti minn dawk konsiderati mill-Ewwel Qorti, l-appellata ma kellhiex tinsab hatja tat-tieni imputazzjoni u ghalhekk l-appell qed ikun michud.